**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 07 ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru 168/2024**

**Mary Rose BORG (ID. Nru. 957449M)**
**Guido CUSCHIERI (ID. Nru. 0393851M)**
**Alfred CUSCHIERI (ID. Nru. 0803753M)**
**Marthese CUSCHIERI (ID. Nru. 0579858M)**
**Marianne XUEREB (ID. Nru. 0704659M)**
**Carmen MUSCAT (ID. Nru. 0013761M)**

**v.**

**Mario CARUANA (ID. Nru. 0593157M)**

Il-Bord,

Ra r-Rikors tar-rikorrenti ppreżentat fl-4 ta' April 2024 li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

1. *Illi l-intimat jikri l-fond ossia Hardware Paint Store imsejjaħ TANCREDI'S PAINT STORE, bin-numru 223, Conception Street, Msida versu l-kera annwali illum ta' elf ħamsa u erbgħin euro u tnejn u għoxrin centeżmu ta' euro (€1045.22c) fis-sena jitħallas ħames mija tnejn u għoxrin euro u wieħed u sittin ċenteżmu ta' euro (Eur522.61c) kull sitt xhur bil-quddiem u dan permezz ta' skrittura datata 3 ta' Jannar 1985 (**dok. A1**);*

2. *Illi r-rikorrenti kien akkwistat dan il-fond mingħand il-ġenituri tagħhom Joseph u Caterina konjuġi Cuschieri permezz ta' wirt;*

3. *Illi missier ir-rikorrenti, Joseph Cuschieri, waqt iż-żwieġ tiegħu ma' Caterina Cuschieri, kien permezz ta' skrittura privata datata 3 ta' Jannar 1985, ta' b'titolu ta' lokazzjoni l-fond ossia ħanut bl-indirizz 223, Tancredi's Paint Store, Conception Street, Msida. Skont l-imsemmija skrittura ta' lokazzjoni, l-fond lokat kien "... destinat għal "Hardware Paint Store" li jinkludi "key cutting" "glass cutting" u "maker" barra li jservi ukoll għal bejgħ ta' hardware, inkluż żeba u affarijiet oħra simili".*

4. *Illi rriżulta lir-rikorrenti li l-intimat ma huwiex jagħmel użu mill-imsemmi fond għal iskop li għalih kien inkera dan il-fond;*

5. *Illi għalhekk, l-intimat tilef il-jedd li jkompli jikri dan il-fond u r-rikorrenti għandu d-dritt li jieħu l-pussess tal-fond lura u l-kirja ma tiġġeddidx.*

6. *Illi r-rikorrenti jikkonferma li huwa jaf il-fatti fuq esposti personalment u li safejn jaf hu, l-intimat ma għandux difiża xi jressaq (**dok. A2**).*

   *GHALDAQSTANT, jgħid l-intimat għaliex dan il-Bord ma għandux, prevja kwalunkwe dikjarazzjonijiet, ordnijiet u/jew provvedimenti neċessarji u opportuni:*

1. *JIDDEĊIEDI l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *JIDDIKJARA u JIDDEĊIEDI illi l-intimat tilef il-jedd li jkompli jikri l-fond ossia ħanut imsejjaħ Tancredi's Paint Store, bin-numru 223, f'Conception Street, Msida għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija peress li huwa ma huwiex jagħmel użu mill-imsemmi fond ossia ħanut għal iskop li għalih kien inkera dan il-fond.*

3. *JIKKUNDANNA lill-intimat sabiex jiżgombra mill-fond ossia ħanut, imsejjaħ Tancredi's Paint Store, bin-numru 223, f'Conception Street, Msida fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss.*

Ra d-dikjarazzjoni maħlufa ta' Alfred Cuschieri a fol. 9 tal-proċess;

Ra illi l-intimat ġie notifikat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni;

Ra illi fis-seduta tal-lum l-intimat ma deherx u lanqas ġiet ippreżentata xi Nota ai termini tal-artikolu 16A (5) (a) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jikkontesta dawn il-proċeduri;

Ra li għalhekk laqa' t-talba tar-rikorrenti sabiex din il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smigħ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li ai termini tal-artikolu 16A (5) il-Bord għandu jgħaddi ghas-sentenza minnufih.

**Ikkunsidra:**

Illi mir-riżultanzi proċesswali jirriżulta illi l-*ante causa* tar-rikorrenti kienu kkonċedew il-fond numru 223, Tancredi's Paint Store, Conception Street, Msida lill-intimat permezz ta' skrittura datata 3 ta' Jannar 1985.[1] Mill-affidavit ta' Alfred Cuschieri jirriżulta li l-intimat mhux qed jaghmel użu mill-fond in kwistjoni għall-iskop li għalih inkera, u cioe` bhala *Hardware Paint Store* u li għalhekk tilef id-dritt li jkompli fil-kirja *de quo*.

Illi l-intimat ma offra l-ebda tip ta' difiża għal dak allegat u mitlub mir-rikorrenti.

Illi għaldaqstant, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-intimat, u wara li l-Bord qies id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' Anthony Cuschieri, iqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma mistħoqqa.

[1] Dokument A1 a fol. 5

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba;

2. Jilqa' t-tieni talba u jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat Mario Caruana tilef il-jedd li jkompli jikri l-fond ossia ħanut imsejjaħ Tancredi's Paint Store, bin-numru 223, f'Conception Street, Msida peress li ma huwiex jagħmel użu mill-imsemmi fond ossia ħanut għal iskop li għalih kien inkera;

3. Jilqa' t-tielet talba u jikkundanna lill-intimat Mario Caruana sabiex jiżgombra mill-fond ossia ħanut, imsejjaħ Tancredi's Paint Store, bin-numru 223, f'Conception Street, Msida fi żmien tletin (30) ġurnata mil-lum.Bl-ispejjeż ta' din is-sentenza kontra l-intimat.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**